# BORD TAL-ARBITRAĠĠ DWAR ARTIJIET

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Seduta tal-llum 27 ta' Frar 2024**

**(1) John Bezzina K.I. 392581(M)**
**(2) Julie Anne Bezzina K.I. 534277(M)**
**(3) Lorraine Bezzina K.I. 142756 (M)**
**(4) Matthew Wismayer K.I. 122072(M)**
**(5) Rachel Calleja Wismayer K.I. 173474(M)**

**vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

**Kawza Numru: 9**
**Rikors Numru : 38/22NB**

**Il-Bord,**

## I. <u>PRELIMINARI</u>

**Ra r-rikors ta' John Joseph Bezzina K.I. 392581(M) et datata 3 ta' Marzu 2022 fejn gie premess:**

1. *Illi r-rikorrenti huma flimkien is-sidien tal-fond 84, St Anthony's Street, Birgu.*

2. *Illi din il-proprjeta' surrefrita kienet giet akkwistata mill-Gvern b'titolu ta' pussess u uzu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Miller datat 31 ta' Awwissu 1955, kopja annessa Dok JB1.*

3. *Illi skont kif jirrizulta mill-provenjenza spjegata fuq il-kuntratt Dok JB3, din il-proprjeta' kienet tappertjeni lil Gaetano Balzia li kien akkwista din il-proprjeta' fiz-zwieg tieghu ma' Ludgarda nee' Minuti.*

4. *Illi Gaetano u Ludgarda konjugi Balzia mietu fid-19 April 1943 u fil-31 ta' Ottubru 1938 rispettivament minghajr testment u ghalhekk din il-proprjeta' ddevolviet fuq l-uniku tifel taghhom, Carmelo Balzia, skont il-ligi.*

5. *Illi l-pjanta relattiva ghall-istess tehid hija annessa mal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Anthony Attard datat 23 ta' April 1955, kopja annessa Dok JB2.*

6. *Illi sussegwentement permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Alexander Grech datat 12 ta' Lulju 1968 (kopja annessa Dok JB3), il-pussess u uzu fuq il-fond surreferit gie konvertit f'titolu ta' dominju pubbliku versu l-kera ta' gharfien ta' sittax –il lira u 16 –il xellin (LM 16.16) pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem.*

7. *Illi Carmelo Balzia miet fil-21 ta' Frar 1966 u skont it-testment tieghu fl-atti tan-Nutar Dottor Antonio Carbonaro datat 18 ta' Mejju 1966 il-fond surreferit ghadda ghand it-tifel tieghu Joseph Balzia u martu Carmen Balzia.*

8. *Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Cachia datat 30 ta' Gunju 1969 (kopja annessa Dok JB4) Joseph u Carmen konjugi Balzia bieghu u ttrasferixxew dan il-fond a favur John u Gaetana sive Tanya ahwa Bezzina (il-predecessuri tar-rikorrenti) bhala mizmum b'dominju pubbliku mill-Gvern.*

9. *Illi fit-22 ta' Novembru 1992 miet John Bezzina u dan skont kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat Dok JB5. Illi skont kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti (kopja hawn annessa Dok JB6 u Dok JB7 rispettivament) John Bezzina miet intestat u ghalhekk sehmu ddevolva fuq iz-zewgt itfal tieghu u cioe' ir-rikorrenti John Bezzina u Julie Anne Bezzina in kwantu nofs indiviz kull wiehed bhala soggett ghall-uzufrutt ta' ommhom Loraine Bezzina nee' Wismayer.*

10. *Illi fit-8 t'Awwissu 2020 mietet Tanya Wismayer u dan skont kif jirrizulta mic-certifikat tal-mewt hawn anness u mmarkat Dok JB8. Qabel il-mewt taghha, Tanya Wismayer halliet testament u dan kif jirrizulta mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti li kopja taghhom qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok JB9 u Dok JB10. Illi l-werrieta tas-sehem ta' Tanya Wismayer huma z-zewgt itfal taghha u cioe' r-rikorrenti Matthew Wismayer u Rachel Calleja Wismayer kwantu nofs indiviz kull wiehed kif jirrizulta mill-ahhar testment taghha datat 4 ta' Gunju 2003 fl-atti tan-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba hawn anness Dok JB11.*

*11. Illi ghalhekk wara l-mewt ta' Tanya Wismayer, is-sehem tar-rikorrenti huwa ta' kwart (1/4) indiviz kull wiehed minn John Bezzina, Julie Ann Bezzina, Matthew Wismayer u Rachel Calleja Wismayer. Illi s-sehmijiet ta' John Bezzina u Julie Anne Bezzina huma soggetti ghall-uzufrutt ta' ommhom Lorraine Bezzina.*

*12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond mertu tal-kaz fl-ishma segwenti:*

| | | |
|---|---|---|
| *a.* | *John Bezzina* | *1/4* |
| *b.* | *Julie Anne Bezzina* | *1/4* |
| *c.* | *Matthew Wismayer* | *1/4* |
| *d.* | *Rachel Calleja Wismayer* | *¼* |

*13. Illi l-fond de quo illum –il gurnata m'ghadux jezisti hekk kif il-Gvern biddel kompletament in-natura tal-istess u illum il-gurnata jifforma parti minn triq ossija pjazza pubblika u dan skont kif jidher ahjar mill-aerial photograph hawn anness u markat Dok JB12.*

*14. Illi ghalhekk ma hemm lokx li l-fond jinghata lura lir-rikorrenti peress li l-proprjeta` illum hija triq pubblika li sservi ghall-uzu pubbliku.*

*15. Illi oltre' hekk, dan il-fond ilu 'l fuq minn hamsin sena mizmum mill- Gvern b'titolu ta' dominju pubbliku (u tlettax-il sena qabel b'pussess u uzu), u ghalhekk ir-rimedju ordinarju effettiv disponibbli ghar-rikorrenti huwa li din l-art tigi akkwistata b'xiri assolut skont il-provvedimenti tal-Kap 573.*

*16. Illi l-Awtorita' intimata giet interpellata mir-rikorrenti sabiex tirregola l-pozizzjoni taghha rigward dan l-esproprju inkluz permezz ta' ittra ufficjali datata 21 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet "John Joseph Bezzina et vs Awtorita' tal-Artijiet" (ittra 4155/18, kopja annessa Dok JB13) izda minkejja din l-interpellazjoni, l-Awtorita' intimata baqghet ghal kollox inadempjenti, u naqqset ghal kollox milli taghti dik l-informazzjoni mehtiega lir-rikorrenti rigwardanti dan l-esproprju fejn ghalhekk ir-rikorrenti thallew f'ghama assoluta.*

*17. Illi ghalhekk ir-rikorrenti ma kellhom ebda ghazla ohra hlief li jifthu dawn il-proceduri ai termini tal-Artikolu 68 tal-Kap 573, sabiex dan l-Onorabbli Bord jordna li l-fond de quo jigi akkwistat b'xiri assolut mill-Awtorita' intimata u sabiex jiffissa kumpens gust u xieraq ghat-tali xiri.*

*18. Illi huwa wkoll car mir-rapport tal-Perit Kurt Sammut Alessi anness Dok JB14, li l-fond mertu tal-kaz m'ghadux jezisti, liema rapport jinkludi wkoll stima ghal kwon bwon fini tal-fond mertu tal-kaz skont il-valur kurrenti (2021) fl-ammont ta' EUR 225,000.*

*19. Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza odjerna.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:*

1. *Jordna lill-Awtorita' intimata takkwista b'xiri assolut il-fond 84, St Anthony's Street, Birgu ai termini tal-Artikolu 68 Kap 573 fi zmien qasir u perentorju prefiss minn dan l-Onorabbli Bord u/jew taghti dawk l-ordnijiet kollha necessarji ai termini tal-Kap 573.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 4155/18 u bl-imghaxijiet legali kontra l-Awtorita' intimata, b'rizerva ghad-drittijiet kollha spettanti lis-socjeta' rikorrenti inkluzi dawk fondamentali u kostituzzjonali.*

*Ir-rikorrenti jaghmluha cara li l-valur hawn indikat f'dawn il-proceduri qieghed jigi dikjarat ai finijiet ta' kumpens li jistghu jitolbu skont il-ligijiet vigenti, izda r-rikorrenti jzommu ferm id-drittijiet li jitolbu kwalunkwe kumpens ulterjuri u jzommu ferm id-drittijiet taghhom inkluz dawk ta' natura kostituzzjonali.*

**Ra r-Risposta tal-Awtorita' ta' l-Artijiet datata 3 ta' Gunju 2022 (fol 68) fejn gie eċċepit:**

*1. Illi l-Awtorita esponenti giet notifikata bir-rikors fl-ismijiet hawn fuq imsemmija u l-istess esponenti giet moghtija ghoxrin gurnata cans biex tirrispondi;*

*2. Illi f'dan l-isfond, l-Awtorita' esponenti tixtieq tissenjala s-segwenti:*

*2.1 Illi ghad irid ikun verifikat, ir-root of title tar-rikorrent, hekk kif mhux biss ir-rikorrent ma provdiex evidenza konklussiva fir-rigward, izda it-titlu ghad irid jigi verifikat u ezaminat mill-Awtorita tal-Artijiet;*

*2.2 Illi l-Awtorita' tal-Artijiet qed tirriserva l-posizzjoni taghha f'dan l-istadju fuq jekk ghadx hemm bzonn tal-uzu ta' dominju pubbliku ghal fond mertu tal-kaz de quo;*

*2.3 Illi inoltre bla pregudizzju ghal dak li inghad hawn fuq, l-Awtorita' tal-Artijiet tirriserva li tipprovdi stima fuq il-fond mertu tal-kawza de quo skont kif premessa bil-ligi;*

*2.4 Illi L-Awtorita' tal-Artijiet tirriserva d-dritt li tipprovdi eccezzjonijiet u ragunijiet ulterjuri;*

*Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ggib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal , u tirriserva d-dritt li tipprovdi ragunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigh ta' din il-kawza, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jichad dan ir-rikors.*

*Salv kull provediment li dan l-Onorabbli Tribunal jidhirlu xieraq.*

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Ra l-verbali tas-seduti.**

**Ra l-atti proċesswali kollha.**

**Ra n-Nota ta' Osservazzjonijiet tar-rikorrenti preżentata fil-15 ta' Novembru 2023 (fol 112 et seq).**

**Ra li l-Awtorita intimata, ghalkemm awtorizzata, ma ppreżentatx Nota Responsiva.**

**Ra li l-kawza thalliet għallum ghas-sentenza.**

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' dawn il-proċeduri r-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Bord jordna l-akkwist b'xiri assolut tal-fond 84, St. Anthony's Street, Birgu ai termini tal-Art. 68 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-fond ġie esproprjat ma fondi ohra b'titolu ta' pussess u użu permezz ta' Dikjarazzjoni tal-Gvernatur ta' Malta bin-numru 30 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Jannar 1955 (Dok. A – fol 91). Sussegwentement il-Gvern akkwista l-fond b'titolu ta' pussess u użu permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Victor Miller tal-31 ta' Awwissu 1955 (Dok. C – fol 93-94) versu l-kera ta' akkwist ta' Lm12 ekwivalenti għal €27.95 fis-sena. In segwitu t-titolu ġie kkonvertit f'dominju pubbliku versu l-kera ta' għarfien ta' Lm16.80 ekwivalenti għal €78.27 fis-sena permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Alexander Grech tat-12 ta' Lulju 1968 (Dok. D – fol 95 et seq). Il-fond m'għadux jeżisti u llum-il ġurnata jifforma parti minn pjazza/triq pubblika kif jidher mill-aerial photo (Dok JB 12 – fol 44) u mir-rapport tal-perit ex parte tal-atturi Kurt Sammut Alessi (Dok JB 14 – fol 47 et seq).

***IKKUNSIDRA***

### Titolu

Fl-ewwel eċċezzjoni taghħa l-intimata eċċepiet li r-rikorrenti għandhom iressqu prova tat-titolu. In sostenn tat-titolu taghħom l-atturi esebew l-affidavit tar-rikorrenti John Bezzina (fol 74 sa 76) li spjega l-provenjenza tal-fond in meritu u jghid li mid-dokumenti esebiti mar-rikors promotur jirriżulta li l-fond kien originarjament akkwistat minn Carmelo Balzia mingħand il-ġenituri tiegħu, Gaetano u Ludgarda Balzia. Mal-mewt ta' Carmelo Balzia l-fond ippervjena fuq ibnu Joseph Balzia u martu Carmela Balzia li kienu biegħu il-fond lil John Bezzina (missieru) u oħtu Gaetana *sive* Tanya Wismayer permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Cachia tat-30 ta' Ġunju 1969 (Dok JB 4 – fol 27 et

seq). John Bezzina miet fit-22 ta' Novembru 1992 u n-nofs indiviż li kien jappartjeni lilu għaddha fuq ir-rikorrenti John Bezzina u Julie Anne Bezzina fis-sehem ta' kwart kull wieħed soġġett għall-użufrutt ta' ommhom Lorraine Bezzina. Tanya Wismayer mietet fit-8 ta' Awwissu 2020 u n-nofs indiviż tagħha ppervjena fuq uliedha Matthew Wismayer u Rachel Calleja Wismayer fil-kwota ta' kwart kull wieħed. In sostenn tat-titolu tagħhom, ir-rikorrenti esebew ukoll il-*Property Ownership Form* (Dok. B – fol 77 sa 84). Fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2022 (fol 86) l-Awtorita' intimata ddikjarat li hija sodisfatta bit-titolu tar-rikorrenti. In vista ta' din id-dikjarazzjoni u tenut kont tal-provi sottomessi, l-Bord iqis li r-rikorrenti ppruvaw it-titolu tagħhom.

**L-Azzjoni**

L-atturi jibbażaw l-azzjoni tagħhom ai termini tal-Art. 68 tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, dwar art okkupata b'dominju pubbliku, li jipprovdi hekk:-

> *68. (1) Dawk l-artijiet li mad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att huma miżmuma minn xi awtorità kompetenti b'titolu ta' dominju pubbliku għandhom jew jiġu akkwistati b'xiri assolut jew b'titolu ta' pussess u użu jew inkella jiġu mrodda lura lis-sid.*
>
> *(2) Din id-deċiżjoni min-naħa tal-awtorità għandha tittieħed fi żmien għaxar snin minn meta jidħol fis-seħħ dan l-Att, b'dana li jekk l-awtorità ma tieħu l-ebda deċiżjoni dan għandu jitqies li hija qed tirrinunzja għal kull dritt fuq dik l-art u li s-sid għandu d-dritt jerġa' jeħodha lura.*
>
> *(3) F'każ li l-art tkun trid tinxtara għandha tinħareġ dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet skont l-artikolu 38 u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 52, 53, 54 u 55 għandhom japplikaw.*
>
> *(4) Il-valur tal-art għandu jittieħed li hu l-ammont illi l-art tista' ġġib kieku din kellha tiġi mibjugħa fis-suq minn sidha volontarjament fil-mument li nħarġet id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3):*
>
> *Iżda fil-valur, ebda każ ma għandu jittieħed ta' ebda bini, tlugħ jew titjib ieħor imtella' jew magħmul fuq l-art wara l-jum li fih il-pussess tagħha kien ittieħed mill-awtorità kompetenti.*

Hemm qbil li l-fond qiegħed jinżamm mill-Gvern b'titolu ta' dominju pubbliku. Meta fond ikun miżmum b'titolu ta' dominju pubbliku mad-dħul fis-seħħ tal-Kap 573, ai termini tas-sub-inċiż (1) u (2) tal-Artikolu 68 *supra* l-Awtorita' għandha tieħu d-deċiżjoni jekk hux ser takkwista l-fond b'titolu ta' xiri assolut, pussess u użu jew inkella trodd il-fond lura lis-sidien fi zmien ghaxar snin, b'dan illi f'każ li din id-deċiżjoni ma

tittieħedx fi żmien l-għaxar snin imsemmija ossia mid-dħul fis-seħħ tal-Kap. 573, fl-2017, s-sid għandu d-dritt jerġa' jieħu lura l-fond. Fl-eċċezzjoni 2.2 l-Awtorita' intimata rriżervat il-posizzjoni tagħha u sad-data ta' din is-sentenza l-Awtorita baqgħet ma ħaditx deċiżjoni jekk għadx hemm il-ħtieġa tal-fond u li fl-affermattiv b'liema titolu għandu jiġi akkwistat.

Il-Bord jaqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti li dan in-nuqqas ta' deċiżjoni da parti tal-intimata m'għandux ikun ta' ostaklu għall-azzjoni attriċi. Dan il-punt kien proprju l-mertu ta' decizjoni ta' dan il-Bord diversament presjedut fil-kawza fl-ismijiet **Melina Micallef vs L-Awtorità tal-Artijiet (Rik Nru 1/2018 SG) deċiża fit-13 ta' Ottubru 2021** fejn intqal hekk:

*Dan il-Bord fela l-argumenti li tressqu mill-partijiet koncernati, b'mod partikolari dak li qed tishaq l-Awtorità intimata, fis-sens li din l-azzjoni hija wahda intempestiva ghaliex ghadhom ma ddekorrewx l-ghaxar snin msemmija fl-istess Artikolu 68 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Iqis li minn qari tal-Artikolu 68 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, il-legislatur iffissa terminu ta' ghaxar snin minn meta jidhol fis-sehh dan l-Att bhala safety valve, fis-sens li dan il-perijodu ta' ghaxar snin, huwa l-massimu tat-terminu li fih tibqa' tissussisti sitwazzjoni, fejn ikun hemm ambjenti mizmuma b'titolu ta' dominju pubbliku. Il-legislatur ghamilha cara, li art ma tistax tibqa' tinzamm b'titolu ta' dominju pubbliku (public tenure,) u addirittura, stipola dan iz-zmien perentorju, li ma' l-iskadenza tieghu, proprjetajiet li jkunu ghadhom mizmuma b'titolu ta' dominju pubbliku, ghandhom jigu rritornati lura lis-sid. Jidher ghalhekk li l-legislatur, ried jinserixxi cut-off date, li fiha ma jibqax iktar ambjenti mimzuma b'titolu ta' dominju pubbliku mill-awtorità kompetenti.*

*Jidher izda li f'dawn il-kazijiet, il-legislatur ma stipulax b'mod car, l-azzjoni li tista' tigi ezercitata mis-sid ta' art li tkun qed tinzamm b'titolu ta' dominju pubbliku. Dan jikkontrasta ma' sitwazzjonijiet ohra fejn il-legislatur, f'dan il-Kap 573, nizzel espressament il-procedura li tista' tittiehed mis-sid. Il-Bord hawn qed jirreferi ghal kazijiet, fejn art tkun soggetta ghal dikjarazzjoni minghajr avviz tal-ftehim (Art 64 tal-Kap 573), jew fejn art tkun okkupata minn awtorità kompetenti minghajr dikjarazzjoni (Art 67 tal-Kap 573), jew fejn art tkun soggetta ghal dikjarazzjoni u avviz ghal ftehim, izda ma tkunx giet akkwistata (Art 65 tal-Kap 573).*

*Dan l-Artikolu 68 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi mqabbel ukoll, mal-Artikolu 69 tal-istess Kap. L-Artikolu 69 li jitratta art okkupata b'uzu u pussess ghal aktar minn ghaxar snin, jistipola procedura fejn wara trapass ta' ghaxar snin mid-data li fiha jkun ittiehed pussess mill-awtorità kompetenti, is-sid jista' jitlob lil Bord ta' Arbitragg, sabiex johrog ordni sabiex l-art tigi akkwistata mill-Awtorità b' xiri assolut. In fatti, l-Artikolu 69 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:*

*(1) Meta l-art tkun ġiet akkwistata minn awtorità kompetenti għal użu jew pussess għal dak iż-żmien li l-bżonnijiet tal-iskop pubbliku jkunu jitolbu, is-sid jista', wara li*

*jgħaddu għaxar snin mid-data li fiha jkun ittieħed pussess mill-awtorità kompetenti, jitlob lill-Bord tal-Arbitraġġ biex joħroġ ordni sabiex l-art tiġi akkwistata mill-awtorità b'xiri assolut bl-istess mod imfisser fl-artikolu 68(3) u (4) jew inkella li titbattal fi żmien sena mid-data tal-ordni.*

*(2) Meta art illi tkun fil-pussess u użu ta' awtorità kompetenti tiġi mbattla, l-awtorità tista' tneħħi l-bini kollu, kostruzzjonijiet jew benefikati oħra mibnijin jew magħmulin fuqha matul iż-żmien tal-okkupazzjoni, u tagħti dak il-kumpens lil sid l-art għall-ħsara li tkun saret bil-kostruzzjoni ta' dak il-bini jew xort'oħra, kif jiġi miftiehem bejn l-awtorità u s-sid jew, fin-nuqqas ta' ftehim, kif jiġi ffissat mill-Bord tal-Arbitraġġ.*

*Dak appena citat jikkontrasta ma' dak li jinghad fl-Artikolu 68 tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta, li minn imkien ma jirrizulta li jistipola l-procedura li jista' jadopera sid, biex ma jibqax f'sitwazzjoni fejn ambjenti jibqghu mizmuma b'titolu ta' dominju pubbliku.*

*Madanakollu, dan il-Bord huwa tal-fehma, li bil-fatt li gie stipolat terminu ta' ghaxar snin li wara l-iskadenza taghhom, l-art ghandha tigi rritornata lura lis-sid, biex b'hekk l-art ma tibqax mizmuma taht titolu ta' dominju pubbliku, ma jfissirx li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li ergo s-sid, ma jista' jezercita l-ebda azzjoni sabiex is-sitwazzjoni tigi regolata. It-trapass ta' ghaxar snin jaghti soluzzjoni ex lege lis-sid, fis-sens li mat-trapass ta' dawk l-ghaxar snin, hemm stipulat li l-art tigi mghoddija lura lis-sid. L-intenzjoni wara dan l-artikolu huwa, li jinholoq rimedju ghal dawk is-sidien, li ghandhom art mizmuma b'titolu ta' dominju pubbliku. Il-Bord jifhem ghalhekk, li matul id-dekors ta' dawn l-ghaxar snin, is-sid ghandhu dritt li jitlob lil dan il-Bord, sabiex fl-ispirtu u ai termini tal-Artikolu 68(1) tal-Kap 573, tali ambjenti ma jibqghux jinzammu mill-awtorità kompetenti b'titolu ta' dominju pubbliku.*

*L-ghan u l-intenzjoni tal-ligi f'dan l-artikolu, hija cara, u cioè li jigu aboliti sitwazzjonijiet fejn ambjenti jkunu mizmuma mill-awtorità kompetenti b'titolu ta' dominju pubbliku. Dana fl-ispirtu ta' dak li jistipola b'tant kjarezza l-Artikolu 36(4) tal-Kap 573 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, dan il-Bord, ghalkemm ikollu josserva li l-Artikolu 68 tal-Kap 573 mhuwiex miktub bl-aktar mod felici, u lanqas mhu daqstant car, ghandu l-ghan li jaghti rimedju effettiv lil sidien, li ghandhom l-ambjenti taghhom mizmuma b'titolu ta' dominju pubbliku.*

*Ghaldaqstant, dan il-Bord huwa tal-fehma li l-eccezzjoni mressqa mill-Awtorità initmata dwar intempestività tal-azzjoni, hija wahda infondata, u sejra tigi michuda.*

Ghaldaqstant abbazi tal-insenjament sudett il-Bord iqis li n-nuqqas ta' deċiżjoni da parti tal-intimata u l-fatt li ghadhom ma ghaddewx l-ghaxar (10) snin indikati fl-artikolu 68(2) tal-Kap 573 m'hu ta' ebda ostaklu għall-atturi biex jippromwovu l-azzjoni *de quo*.

Mir-ritratti esebiti flimkien mar-rapport tal-Perit Kurt Sammut Alessi u mill-affidavit (mhux kontradett) tar-rikorrent John Bezzina (fol 74 et seq) jirriżulta li l-fond in meritu ġie demolit u llum-il ġurnata jifforma parti integrali minn triq/pjazza pubblika. La darba l-fond m'għadux jeżisti, ma jistax jintradd lura u l-unika opzjoni loġika applikabbli minn dawk indikati fl-artikolu 68 hi li dan għandu jiġi akkwistat b'titolu ta' xiri assolut. F'dan il-kuntest il-Bord jirreferi għas-sentenzi deċiżi mill-Bord fl-ismijiet **Paul Azzopardi vs Kummissarju tal-Art** (Rikors 12/2016NB) deċiża fis-26 ta' April 2023 u **Francis Lanfranco et vs L-Awtorita' tal-Artijiet** (Rikors 8/2019NB) deċiża fit-23 ta' Frar 2022 li kienu jitrattaw talba għall-akkwist ta' fondi b'titolu ta' xiri assolut fejn il-fondi kienu gew demoliti mingħajr il-possibilita' li jintraddu lura. F'dawk il-każijiet, il-Bord laqa' t-talba għall-akkwist skont il-proċedura msemmija fl-Art. 68(3) u (4) tal-Kap. 573. Bl-istess mod anke fil-kaz preżenti l-Bord sejjer joħroġ ordni sabiex l-ambejnti in meritu jiġu akkwistati mill-Awtorita' intimata b'xiri assolut.

Is-sub-inċiżi (3) u (4) tal-Art. 68 jipprovdu li f'każ li l-art tkun trid tiġi akkwistata – kif inhu l-każ preżenti – għandha tinħareġ dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet skont l-Art. 38 u d-dispożizzjonijiet tal-Art. 52, 53, 54 u 55 għandhom japplikaw. F'dan il-każ, il-valur tal-art hu l-valur li l-art tista' ġġib kieku din kellha tiġi mibjugħa fis-suq minn sidha volontarjament fil-mument li tinħareġ id-dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet. Kif ingħad fis-sentenza ċitata ta' **Francis Lanfranco et vs L-Awtorita' tal-Artijiet**, la darba l-Art. 68 (3) u (4) jiddisponu li għandha tinħareġ dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet, il-Bord huwa prekluż milli jistabilixxi l-valur tal-akkwist. Għalhekk il-Bord ser jordna lill-Awtorita' intimata sabiex, ai termini tal-Artikolu 68(3) tinħareġ dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-istess Awtorità tal-Artijiet skont l-Art. 38 u dan f'terminu ta' tlitt (3) xhur mil-lum liema terminu huwa wieħed perentorju u għandhom japplikaw l-artikoli 52, 53, 54 u 55 tal-istess Att.

## III. <u>KONKLUŻJONI</u>

Għalhekk, għal dawn il-motivi, l-Bord qiegħed jipprovdi dwar it-talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet tal-Awtorità intimata billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet sollevati mill-Awtorita' intimata jilqa' t-talba attriċi fis-sens illi jordna lill-Awtorita intimata sabiex takkwista b'xiri assolut l-ambjenti ossia l-immobbli ġja okkupat mill-fond in meritu ossia l-ambjenti fejn kien hemm il-fond numru erbgħa u tmenin (84), St. Anthony's Street, Birgu bil-mod imfisser fl-Artikolu 68(3) u (4) tal-Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna a tenur tal-artikolu 68(3) tal-Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta lill-Awtorita' intimata sabiex tinħareġ id-Dikjarazzjoni miċ-Chairperson tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Awtorità tal-Artijiet skont l-artikolu 38 in rigward tal-ambjenti mertu ta' dawn il-proceduri u dan f'terminu ta' tlett (3) xhur mil-lum liema terminu huwa wieħed perentorju u d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 52, 53, 54 u 55 tal-Kap. 573 tal-Ligijiet ta' Malta għandhom japplikaw.

Bl-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri a karigu tal-Awtorità tal-Artijiet.

**Moqrija.**

**Noel Bartolo**
**Maġistrat**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**27 ta’ Frar 2024**